MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 171/2011

A B
vs

L-Avukat Dottor Joseph Ellis u il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-5 ta' Lulju, 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju elfejn u tmienja (2008) f'Morelia Civil Registry Michoacan, Messiku u liema zwieg gie debitament rregistrat fir-registru taz-zwieg f'Malta bin-numru tac-certifikat 1816/2008 u dan kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhom ebda tfal;

3. Illi effettivament dan iz-zwieg dam biss sitt (6) xhur ghax fil-fatt l-intimata abbandunat ghal kollox lir-rikorrenti, li ilu ma jisma' minnha minn mindu abbandunatu u cioe' madwar sentejn u nofs (2 ½) ilu;

4. Illi b'kollox, qabel ma zzewweg, ir-rikorrenti kien ilu jaf lill-intimata ghal madwar sena u nofs (1 ½) mil-liema zmien 6 xhur minnhom ma kienux fl-istess pajjiz;

5. Illi ir-rikorrent u l-intimata kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn imma biss biex l-intimata ta' nazzjonalita' Messikana tkun tista tibqa' Malta;

6. Illi r-rikorrenti kienu rrealizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewga ma xulxin;

7. Illi l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan inter alia ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-kaz ta' l-intimata zzewget lir-rikorrent mhux ghax kienet thobbu imma ghax riedet tibqa' Malta billi skadiet il-VISA u dan kif ser jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi di piu' omm l-intimata certa Maria Elena kienet ghamlet kundizzjoni fuq ir-rikorrent li biex jerga' jara lil bintha kellu dan jizzewigha;

9. Illi l-partijiet kienu ftehmu li ma jkollhomx tfal minhabba c-cirkostanzi li fihom izzewgu;

10. Illi fil-fatt dan iz-zwieg ma giex ccelebrat bir-rit kattoliku u dan biex ma jkunx hemm aktar kumplikazzjonijiet;

11. Illi inoltre fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat inter alia b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu, jew b'anomalija psikolgoka serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta Lulju elfejn u

tmienja (2008) f'Morelia Civil Registry Michoacan, Messiku huwa null u bla effett fil-ligi;

Talab gha-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju (2008) f'Morelia Civil Registry Michoacan, Messiku huwa null u bla effett u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha huma eccepew;

1. Fl-ewwel lok, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kap. 12 stante illi si tratta minn zwieg li sar fil-Messiku ma cittadina Messikana li hija assenti minn dawna l-Gzejjer;
2. Fit-tieni lok, ir-registrazzjoni taz-zwieg de quo fir-Registru Pubbliku ta' Malta erbat ijiem qabel ma giet intavolata dina l-kawza hija irritwali u m'ghandha l-ebda bazi fil-ligi;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D m'humiex presentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti li gew prodotti, l-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment, limitatament dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati;

Rat illi l-kuraturi deputati irtiraw it-tieni eccezzjoni taghhom permezz ta' nota fit-22 ta' Gunju 2012 u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni eccezzjoni;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kuraturi deputati;

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw;

Rat illi l-kawza thalliet ghal sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kuraturi deputati;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha eccezzjoni preliminari relatata mal-inkompetenza ta' din l-istess Qorti abbazi tal-Artikolu 742 tal-Kap. 12 *stante* li z-zwieg in kwistjoni u mertu tal-kaz odjern huwa zwieg li sar il-Messiku ma' cittadina Messikana li hija assenti minn dawn il-gzejjer.

Il-Qorti fl-ewwel lok qieghda ticcita l-Artikolu invokat mill-intimati li jghid hekk:

"***742. (1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu lkawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:***

***(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew iddomiċilju tagħhom band'oħra;***

***(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;***

***(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;***

***(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu***

***ma' dik lobbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;***

***(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik ilpersuna tkun tinsab Malta;***

***(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;***

***(g) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti***".

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghhom, l-avukati kuraturi deputati in rapprezentanza tal-intimata jinvokaw il-*privilgium fori* abbazi tal-fatt li l-intimata m'hijiex domiciljata hawn Malta. Fin-nota ta' sottomissjoni taghhom jinvokaw tali privilegg ghaliex isostnu li din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' tholl zwieg illi gie validament ikkuntrattat fi stat esteru u konsegwentement, huma jargumentaw ukoll li tali sentenza qatt ma tista' tigi esegwita f'Malta *stante* li z-zwieg sar fil-Messiku. L-istess intimati jargumentaw ukoll li l-Artikolu 742(c) hawn fuq citat m'huwiex applikabbli *stante* li l-mertu tal-kaz odjern ma jinkwadrax ruhu f'"***oggett***" jew "***hwejjeg***" li qieghdin hawn Malta peress li l-kawza odjerna ddur fuq iz-zwieg ta' bejn il-partijiet li ma jistax jitqies bhala oggett *ai termini* tal-kawza fl-ismijiet **Avukat Dottor Philip Manduca noe vs Avukat Dottor Mark Chetcuti** (deciza nhar il-25 ta' Frar 1993) fejn saret referenza ghal hwejjeg jew oggetti li huma mobbli jew immobbli. L-argument tal-intimati jdur fuq il-fatt li skond it-tezi taghhom, iz-zwieg ta' bejn il-partijiet ma jistax jitqies bhala oggett li jinsab f'Malta.

Min-naha l-ohra, l-attur jibda l-argumentazzjoni tieghu billi jghid li l-Artikolu hawn fuq citat, filwaqt li jelenka c-cirkustanzi tal-gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, jaghti kemm jista' jkun poter lill-qrati ta' Malta biex ikollhom firxa ta' gurisdizzjoni fejn principarjament l-interess tal-ligi hija li n-nies li huma primarjament Maltin u ta' cittadinanza Maltija, jkunu koperti bil-gurisdizzjoni tal-qrati taghna. F'dan il-kuntest, l-istess attur jiccita l-ewwel paragrafu tal-Artikolu in kwistjoni *stante* li l-attur huwa cittadin ta' Malta u huwa domiciljat hawn Malta wkoll u konsegwentement, abbazi ta' dan l-Artiklu, l-attur jargumenta li l-Qorti ta' Malta ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Raymond Calleja Vs L-Avukat Dottor Raymond Pace Et Noe** (deciza nhar il-31 ta’ Jannar 1996 mill-Qorti tal-Appell) fejn gie ritenut li:

“***Il-ligi trid illi taghti gurisdizzjoni lill-Qrati biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw lic-cittadini ta' Malta. Trid taghtihom protezzjoni shiha, huma fejn huma, anke jekk mhumiex residenti f'Malta u anke jekk ma kienux konvenuti quddiemha sakemm il-meritu tal-kawza jkun jirrigwarda lilhom u sakemm ikunu domiciljati f'Malta***”.

L-attur jiccita wkoll Artikolu 742(f) li jitkellem dwar obbligazzjonijiet li jkunu saru versu cittadini Maltin. L-argument tal-attur huwa bbazat ukoll fuq il-fatt li z-zwieg ta' bejn il-partijiet gie registrat hawn Malta u konsegwentement, ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, l-partijiet huma rikonoxxuti bhala koppja mizzewga, minkejja li z-zwieg taghhom gie celebrat barra minn Malta, precizament gewwa l-Messiku. Il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva li m'ghandha ebda dubju li z-zwieg bejn il-partijiet gie debitament registrat hawn Malta u dan kif jirrizulta mill-istess certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 5 tal-process. L-attur ikompli jargumenta li f'kaz li din il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-intimati u jkun ezitu ta' sentenza posittiva fis-sens li z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett, tali sentenza tigi registrata u konsegwentement issir l-annotazzjoni necessarja ta' tali dikjarazzjoni fuq l-istess

certifikat. L-intimati, bhala *counter-argument* jirribattu li l-Artikolu 742(f) tal-Kap. 12 ma jaghti ebda sostenn lill-attur *stante* li s-sentenza ma tista' qatt tigi esegwita peress li z-zwieg gie kontrattat gewwa l-Messiku u konsegwentement il-forum ghal tali talba ghandu jkun proprjament il-Messiku. Dan l-argument idur allura fuq il-kwistjoni ta' registrazzjoni ghaliex dan huwa l-punt fejn iz-zewg argumenti jiddistingwu ruhhom. Hemm qbil bejn il-partijiet li huwa possibbli li zewg partijiet jirregistraw iz-zwieg taghhom li gie celebrat barra minn Malta izda l-kwistjoni kollha ddur fuq l-effett li ghandha tali registrazzjoni.

F'dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Hassan Ahmed Atwa Vs Camilleri Joanna Et** deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie ritenut li:

"***L-importanza tal-istess registrazzjoni ma tistax tigi minimizzata, anzi r-registrazzjoni tal-istess hija vitali ghall-istatus legali ta' kull persuna u fil-kaz taz-zwieg dan huwa enfasizzat bid-dispozizzjoni ta' l-artikolu 12 (3) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li:-***

***Zwieg ma jkollux effett ghal kull ghan tal-ligi u sakemm l-att taz-zwieg xieraq ma jkunx kompletat u konsenjat ghar-registrazzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 293 u 294 tal-Kodici Civili***";

Illi jekk allura r-registrazzjoni taz-zwieg iggib maghha l-effetti u l-ghanijiet kollha taz-zwieg bejn il-partijiet (u bhala konsegwenza tal-istess, il-partijiet jibdew jibbenefikaw minn kwalunkwe privilegg jew cirkustanzi bhala tali), kif qatt jista' jigi argumentat li din il-Qorti m'ghandha ebda gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi fuq zwieg li huwa rikonoxxut u li holoq stat ta' fatt u stat legali bejn il-partijiet anke f'Malta? Il-Qorti tirrileva li kieku verament dan kien il-kaz, allura s-sistema ta' registrazzjoni taz-zwigijiet li jkunu celebrati barra minn Malta (anke jekk wiehed mill-partijiet huwa cittadin Malti u li permezz ta' liema zwieg gew in vigore numru ta' obbligazzjonijiet naxxennti mil-ligi ta' Malta) hija frivola ghall-ahhar. Dan certament mhux il-kaz.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u konsegwentment tiddikjara li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz odjern. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-kuraturi deputati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------